**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur John Sacco**
**Spettur David Saliba**
**v**

**ALLAN GRIMA**

**Illum, 21 ta' Jannar, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALLAN GRIMA** ta' sbatax il-sena bin Anthony u Anne nee Borg, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru, 1982 u joqghod Block 8, Flat 1, Qasam tal-Bini Rinella, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita numru 115783M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'B'Kara nhar t-tletin ta' Mejju, 2000 ghall-habta ta' bejn s-sebgha w kwart ta' filghaxija u d-disgha w kwart ta' filghaxija:

1. kkommetta serq ta' flus u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-lok, bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Augustine Compagno minn B'Kara;

2. talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-ghaxar liri maltin izda mhux l-hamsin lira maltin ghad-dannu tal-istess Augustine Compagno minn B'Kara;

4. talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata wiehed u ghoxrin ta' April, 1999 fejn kien instab hati ta' reat w lliberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal zmien tmintax il-xahar;

Il-Qorti giet mitluba sabiex meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna lil hati ghal hlas lir-Registratur tal-ispejjes kollha jew ta' parti mill-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Illi b'sentenza taghha tal-hamsa ta' Frar, 2001 din il-Qorti kif preseduta kienet sabet lil imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu fuq ammissjoni tieghu stess u kienet lliberatu bil-kundizzjoni li joaghod taht s-supervizjoni kontinwa tal-Probation Officer Carmen Nygaard ghal perjodu  ta' tlett snin u dan taht l-ordni tal-Probation annessa mas-sentenza skond l-artikolu 5 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni:

1. Li matul il-perjodu ta’ Probation l-imputat ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta’ bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation fuq imsemmija, inkluz kull direttivi li hi thoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certi postijiet u/jew nies;

2. Li l-probationer ghandu jzomm ruhu kontinwament f’kuntatt ma l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard skond d-direttivi li din

taghtih min zmien ghal zmien, u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation tkun trid hekk, jircievi zjarat li din l-Ufficjal tal-Probation taghmel ghandu fejn ikun;

3. Il-probationer ghandu minnufih jgharraf lill-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard b'kull tibdil ta' residenza;

4. Illi l-probationer ghandu jsegwi programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz ta' droga b'mod residenzjali;

5. Illi l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard ghandha tidher l-Qorti kull erbgha xhur sabiex taghti rapport lil Qorti dwar l-andament u l-imgieba tal-probationer;

6. Li l-probationer ghandu jibqa l-Facilita Korretiva ta' Kordin sakemm tasal d-data meta jkun jista jibda jsegwi l-programm ta' rihabilitazzjoni fic-Centru tal-Caritas, San Blas;

7. F'kaz li l-probationer ma jkomplix il-kors ta’ rihabilitazzjoni, l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard ghandha tinforma lil Qorti minnufih.

Illi fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 2001 l-istess Probation Officer Carmen Nygaard kienet ippresentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti fl-atti ta' dawn il-proceduri fejn infurmat lil Qorti li fit-tlieta w ghoxrin ta' Mejju, 2001 l-imputat probationer telaq minn San Blas u ma kompliex jattendi l-programm ta' disintossifikazzjoi u dan bla ma gharraf lil hadd.

Illi wara huwa kien kkomunika mal-Probation Officer Carmen Nygaard u qalilha li kien sab impjieg ma certu wiehed Silvio Frendo.

Illi dan r-rikors gie notifikat lil imputat u fit-tletin ta' Lulju, 2001 **xehdet l-istess Probation Officer Carmen Nygaard** fejn kkonfermat l-kontenut tar-rikors taghha u in oltre stqarret li kienet ghamlet kuntatt ma dan Silvio Frendo li qalilha li l-imputat kien sejjer tajjeb fuq x-xoghol. Qalet wkoll li kien qed jaghti *random urine samples* li lkoll taw rizultat tajjeb fis-sens li ma kienx hemm tracci ta' droga.

**Karmnu Borg li hu rappresentant tal-Caritas wkoll xehed** fit-tletin ta' Lulju, 2001 w kkonferma li l-imputat kien ghamel perjodu bejn s-sitta ta' Marzu, 2001 u t-tlieta w ghoxrin ta' Meju, 2001 f'San Blas jaghmel programm ta' disintossifikazzjoni u li kien xebgha u telaq minn rajh bla ma spicca l-programm.

Illi l-Probation Officer Carmen Nygaard nhar t-tlettax ta' Novembru, 2001 ppresentat nota fir-Registru ta' din il-Qorti fl-atti ta' dawn il-proceduri fejn infurmat lil Qorti li allegatament Alan Grima naqas li jzomm ruhu f'kuntatt ma l-Ufficju u l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard skond d-direttivi moghtija lilu w in oltre li naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Proabtion Carmen Nygaard sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

**Illi l-Proabtion Officer Carmen Nygaard regghet xehdet** nhar t-tletin ta' Novembru, 2001, fejn kkonfermat li hija ddenunzjat lil imputat probationer peress li ma kienx qed jobdi d-direttivi taghha, fosthom li splittja mill-programm ta' disintossifikazzjoni u naqas li jzomm aktar

kuntatt mal-agenzija Caritas. In oltre, l-*urine tests* tieghu bdew jaghtu rizultat posittiv ghal presenza ta' droga.

**Illi l-imputat probationer Alan Grima ghazel li jixhed** fis-seduta tas-sbatax ta' Dicembru, 2001 u ammetta li kien qed jabbuza mid-droga.

Illi l-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu l-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn l-Qorti dejjem tat kull opportunita u facilita biex vittmi tad-droga jfiequ minn dan il-vizzju. Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien qieghed quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u minn veru wera rieda tajba u affidablita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li l-imputat probationer jaghmel uzu mid-droga u ma jirrizultax li qatt kien genwin l-isforz tieghu biex jeghleb dan il-vizzju, li certament ilu fuqu ghal zmien twil. Dan in-nuqqas t'affidabilita u sincerita jirrizulta mill-fatt li m'ghamel ebda progress

posittiv tul il-perjodu li huwa kien taht il-probation order kif jirrizulta mix-xhieda mismugha.

**Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mal-imputat probationer ALLAN GRIMA dwar il-ksur tal-probation order u ghalhekk qed tikkundannah piena karcerarja ta' tmien xhur ghal ksur tal-ordni ta' probation fuq imsemmija.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**